MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 861/1992/1

**Joseph Grixti**

**v.**

**Anthony Vella**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Din hija kawza li fiha l-attur, Joseph Grixti, qed jitlob lill-konvenut, Anthony Vella, ikun ikkundannat ihallas id-danni li jigu likwidati, dovuti wara incident waqt il-kacca li sehh fis-27 ta' April 1992, u li halla lill-attur ghama minn ghajn

wahda. L-attur jallega li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident. Kuntrarjament, il-konvenut qieghed jichad din il-pretensjoni ta' l-attur.

2. Il-kawza giet introdotta quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili b'citazzjoni prezentata fit-30 ta Lulju, 1992. Fil-15 ta' Lulju 2002, dik il-Qorti tat is-segwenti sentenza li sejra tigi riprodotta *verbatim* billi fiha t-talbiet ta' l-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll il-motivazzjonijiet kollha li l-ewwel Qorti hadet bhala bazi sabiex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha. Fil-fatt, bis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u llikwidat u kkundannatu jhallas id-danni konsegwenzjali lill-attur, li jammontaw ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u erba' u tmenin Lira Maltija (LM28,484). Dik il-Qorti kkundannat ukoll lill-konvenut li jhallas l-imghax legali fuq id-danni likwidati, kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza. Is-sentenza taqra hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta' Lulju 1992 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fis-27 ta' April 1992 ghal habta ta' 6.45 a.m. f'Torrijiet, il-Hlantun, limiti ta' Hal Safi, il-konvenut spara senter b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u laqat lill-attur f'ghajnejh u ghamieh minn ghajn wahda, kif ser jirizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi bhala konsegwenza ta' dan il-feriment l-attur qed isofri minn inkapacita' permanenti u sofra danni attwali kif ukoll lucrum cessans; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident li gara fis-27 ta' April 1992 fis-6.45 a.m., go tat-Torrijiet, Il-Hlantun, limiti ta' Hal Safi, fuq imsemmi li fih l-attur safa ferut u mghomi minn ghajn wahda, kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali li l-attur sofra minhabba dan l-incident;

2. tilikkwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata, in linea ta' danni kif fuq intqal, flimkien ma l-imghaxijiet legali mid-data tac-citazzjoni.

“Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid, ta' impediment tas-safar u ta' sekwestru kawtelatorju, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

“Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-8 ta' Ottubru 1992 li permezz taghha eccepixxa:-

1. illi l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fil-ligi stante li l-eccipjenti bl-ebda mod ma kkaguna l-incident imsemmi u/jew allegatament soffert mill-attur.

2. Isegwi li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur fil-konfront tal-eccipjenti;

3. Konsegwentement l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat jhallas ebda danni lill-attur.

“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

“Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 1993 meta inhatar Dr. Saviour Demicoli bhala assistent gudizzjarju sabiex jigbor il-provi tal-partijiet.

“Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru 1993 meta giet revokata l-hatra tal-assistent gudizzjarju u minflok gie mahtur bhala espert William Cassar Torreggiani.

“Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Jannar 1994 meta, fuq talba tal-partijiet gie mahtur Dr. Mario Tabone bhala espert mediku.

“Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Jannar 1995 meta, ukoll fuq talba tal-partijiet, gie mahtur Dr. Marco Grixti bhala perit legali.

“Rat ir-relazzjoni tal-esperti fuq imsemmija mahlufa fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 1998.

“Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 1998 meta, fuq talba tal-konvenut gew mahtura bhala periti perizjuri Dr. Philip Sciberras, Dr. Tonio, llum l-Imhallef, Mallia, u Dr. Tonio Azzopardi li sussegwentement gie sostitwit b'Dr. Cris Borg.

“Rat ir-rapport tal-esperti addizjonali mahluf fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2001, hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

“Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“Din il-kawza tikkoncerna incident li sehh fis-27 ta' April 1992 gewwa tat-Torrijiet, il-Flantun, limiti ta' Hal Safi waqt li l-kontendenti kienu jinsabu fil-lokalita' ghall-kacca. F'hin minnhom l-attur gie milqut f'ghajnu b'comba ta' sparatura u effettivament tilef d-dawl minn dik l-ghajn. L-attur istitwixxa dawn il-proceduri kontra l-konvenut billi qed isostni li kien l-konvenut responsabbli ghall-akkadut billi c-comba li laqtitu harget minn tir li kien spara l-istess konvenut. Ghalhekk il-konvenut qed jinzamm responsabbli ghad-danni ngenti rizultanti minn din d-dizabilita.

“Kif rajna aktar ’il fuq waqt dawn il-proceduri gew mahtura mhux biss espert mediku li kkonstata l-percentagg ta' dizabilita' li qed isofri l-attur, izda kien hemm ukoll perit tekniku fil-persuna ta' William Cassar Torreggiani, u sahansitra erbgha periti legali, uhud minnhom mahtura minhabba l-esperjenza fil-materja tal-kacca. Miz-zewg rapporti li gew mahlufa, sew dak tal-ewwel periti kif ukoll dak tal-periti addizjonali, jidher li l-hames persuni mahtura minn din il-Qorti, huma kollha konkordi fil-konkluzzjoni taghhom fis-sens li l-konvenut kien dak li sparat it-tir li

eventwalment korra lill-attur u li konsegwentement dan ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni kagunati.

“Il-konvenut kkritika bil-qawwa din il-konkluzzjoni ghal diversi ragunijiet izda mill-qari akkurat tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jidher li l-ilment basiku jikkonsisti fil-fatt li l-attur ma rnexxilux jipproduci prova konkreta li kien l-konvenut li spara t-tir li laqtu. Naturalment dan l-ilment huwa ukoll mizewd b'diversi argumenti fis-sens li l-periti (perizjuri) ma tawx affidament ghall-provi prodotti mill-konvenut u donnhom *aprioristicament* rritenew lill-konvenut hati u wara ghamlu ezercizzju biex jiggustifikaw din il-konkluzzjoni taghhom.

“Din fil-fehma tal-Qorti hija akkuza serja, mhux gustifikata u ma ghandhiex tinghata ebda piz. Infatti minn ezami akkurat tal-provi prodotti, din il-Qorti ma thoss li ghandha tasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik tal-periti *kollha* nvoluti fil-kawza. Ghalkemm f'ambjent fejn qed ssir il-kacca ghal gamiem jista' jkun hemm diversi persuni li setghu kienu responsabbli, jrid jigi apprezzat li l-ammissjoni *ab inizio* tal-konvenut; l-assistenza moghtija; l-fatt li dan mar jaghmel rapport lill-pulizija dwar l-incident; in-naqas tieghu li, f'dik l-okkazzjoni, ma jaghmilx zmentita ghal dak li setgha ntqal qabel; il-fatt li l-istess konvenut fil-hin tal-incident donnu mill-ewwel induna li kien gara xi haga bhala rizultat ta' l-ahhar tir li huwa spara, dawn il-fatturi kollha huma ndikattivi ta' dak li seta' gara. Izda ghandu jinghad ukoll li, ghalkemm fil-hin in kwistjoni seta' kien hemm persuni ohra ghall-kacca fl-inhawi, jirrizulta li dawn kienu jinsabu distanza konsiderevoli minn fejn kien l-attur u l-unika persuna f'distanza akkorcjata, fil-kuntest ta' sparar b'senter, kien biss l-konvenut li, del resto, jammetti li huwa spara l-ahhar tir fuq gamima meta din kienet sejra fid-direzzjoni tal-istess attur.

“Minn dan kollu din il-Qorti ma tarax li tista' tasal ghall-konkluzzjoni differenti dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita' tal-konvenut. Lanqas ma tista' tikkondividi s-sottomissjoni tal-abbli difensur tal-konvenut li anke fl-eventwalita' li jinsab responsabbli l-istess konvenut din il-Qorti ghandha ssib kontributorjeta' da parti ta' l-attur billi dan fil-mument li

ntlaqat ma kienx fid-dura *kif suppost.* Dana billi fl-ewwel lok ma hemmx xi dmir legali li waqt il-kacca wiehed ghandu joqghod gewwa dura. Infatti hafna mill-kaccaturi ma juzawx dan il-mod biex jiskennu u semplicement joqghodu wara hitan tas-sejjieh barra mill-vista tal-kacca li tkun qed toqrob. Inoltre ghandu jigi rilevat li d-dmir ta' attenzjoni qieghed fuq il-persuna li tispara arma u mhux fuq il-persuna li tigi milquta. Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzzjonijiet tal-periti f'dawn il-proceduri u ssib htija fil-konvenut ghall-incident tas-27 ta' April 1992.

**“Likwidazzjoni danni.**

“L-attur qed jitlob li jigi risarcit dawk id-danni minnu sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident, konsistenti sew fi spejjes nkorsi minnu jew telf ta' qliegh attwali, sew danni ohra ghall-telf futur minhabba d-disabilita' li huwa sofra hekk maghrufa bhala *lucrum cessans.*

“Taht l-aspett ta' *damnum emergens* ossia danni realment sofferti, l-attur talab diversi somom. Dawn kienu jikkoncernaw:-

a) spejjes in konnessjoni ma vjaggi lejn l-Ingilterra fejn gie operat, dan fl-ammonti ta' LM432 ghall-biljetti ta' l-ajru u LM524.41 spejjes tas-soggorn barra minn Malta;

b) telf mill-'vacation leave' ta' huh meta akkumpanjah l-Ingilterra fl-ammont ta' LM96.16;

c) is-somma ta' LM268.51 rappresentanti tnaqqis mill-paga kemm dam barra minn Malta;

d) LM1,200 telf fil-paga li sofriet martu bhala rizultat ta' dan l-incident.

“L-ewwel perit ezamina dawn t-talbiet singolarment u filwaqt li accetta l-partiti indikati bl-ittri (a) u (c) fis-somma komplessiva ta' LM1,224.92, issottometta li l-partita indikata bl-ittra (b) ma ghandhiex tigi akkordata u dana billi ma tikkoncernax lill-attur u fir-rigward tat-telf li sofriet

mart l-attur (d) sostna li din ukoll mhux ammissibbli stante li ma ingiebux provi sufficjenti fir-rigward.

“L-attur kkritika l-konkluzzjoni tal-ewwel perit fir-rigward tal-ammont reklamat bhala telf li sofriet martu. Il-periti perizjuri izda waslu ghall-istess konkluzzjoni ta' l-ewwel perit f'dan ir-rigward u ssottomettew li din il-Qorti ghandha tikkonferma l-ammont ta' *damnum emergens* suggerit minnu.

“Din il-Qorti taqbel li kull telf ta' paga li seta' kellha mart l-attur ghandu jigi risarcit billi dan jolqot direttament l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom. Issa jirrizulta li bejn is-sena tal-incident u s-sena precedenti kien hemm diminuzzjoni ta' introitu da parti ta' mart l-attur fis-somma ta' cirka LM1,200. L-ewwel perit sostna li ma kienx hemm prova cara biex tispjega r-raguni ta' dan it-telf u ghalhekk ma ghandiex tigi akkordata din is-somma. Il-Qorti tapprezza d-diffikulta tal-perit biex jakkorda dan l-ammont pero' tifhem ukoll li huwa difficli hafna li wiehed jipprova li hemm konnessjoni diretta bejn l-incident u t-tnaqqis fl-introitu ta' mart l-attur. Zgur hu l-fatt li l-attur korra serjament f'dan l-incident u ghalhekk mhux difficli li wiehed jaccetta li martu, specjlment f'dawk il-mumenti koroh, toqghod id-dar biex taghmillu kuragg u tara x'jonqsu u dan apparti l-perjodu li din tkun qattat l-isptar izzur lill-zewgha. Din il-Qorti ghalhekk thoss li xi kumpens ghandu jinghata u *arbitrio boni viri* qedha tillikwida nofs l-ammont reklamat u cioe LM600.

“Fir-rigward ta' l-ammont reklamat bhala 'vacation leave' mitluf din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-periti.

“Id-damnum emergens ghalhekk qed jigi likwidat fis-somma ta' LM1,824.92.

**“Lucrum Cessans**

“Hawn ukoll wiehed isib divergenza bejn dak li kkonkluda l-ewwel perit, s-sottomissjoni tal-istess attur u l-konkluzzjoni tal-periti perizjuri. Fil-verita d-differenza bejn

dak li llikwida l-ewwel perit u dak li llikwidaw l-periti perizjuri hija zghira. Infatti l-ewwel perit alloka s-somma ta' LM21,000 taht dan il-kap, filwaqt li l-periti perizjuri akkordaw s-somma ta' LM21,611. L-attur f'dan ir-rigward sostna li l-ammont pagabbli ghandu jkun superjuri w ssugerixxa s-somma ta' LM32,160.

“Naturalment is-sistema ta' komputazzjoni tad-danni adottata mid-diversi partijiet timxi fuq il-principji ta' Buttler vs Heard li ntroduciet s-sistema tal-*multiplier* fil-gurisprudenza lokali. Din is-sistema ta' komputazzjoni ta' danni ghall-telf futur tiehu in konsiderazzjoni, l-eta' tad-danneggat, l-introitu annwu tieghu, fattur ta' inflazzjoni, l-grad ta' dizabilita' rizultanti mill-incident u mill-ammontar ta' dan kollu generalment jitnaqqas percentagg minhabba l-incertezza tal-hajja.

“Fil-kaz in ezami kull parti li esprimiet ruhha fuq din il-materja kellha bhala punti fissi l-eta' tad-danneggat fid-data tal-incident, l-introitu tieghu f'dik is-sena, u l-grad ta' disabilita' li gie kkalkolat minn Dr. Mario Tabone u mhux kkontestat. Ma kienx hemm qbil izda fin-numru ta' snin li ghandhom jigu uzati ghall-fini tal-multiplier, u l-introitu annwu li ghandu jintuza bhala bazi ghal din il-komputazzjoni. Infatti l-ewwel perit sostna li d-danni ghandhom jigu komputati fuq firxa ta' 15 il-sena fuq introitu baziku ta' LM7000. L-attur sostna li l-multiplier ghandu jkun ta' 20 sena b'introitu ta' LM8,040 fis-sena. Il-periti perizjuri donnhom hadu l-linja tan-nofs ghal dak li hu multiplier u ssuggerew massimu ta' 17 sena, filwaqt li rriducew l-introitu annwu li fuqu jigi komputat ghal LM6356.

“Din il-Qorti hija propensa tadotta n-numru ta' snin suggeriti mill-periti perizjuri u dana in vista tal-fatt li fid-data tal-incident l-attur kien ghad ghandu 40 sena u ghalhekk il-hajja lavorattiva tieghu kienet ta' wiehed u ghoxrin sena. Il-Qorti izda ma tistax tadotta bhala introitu ghal fini tal-multiplier dak suggerit mill-periti perizjuri dana billi jirrizulta bhala fatt li fis-sena ta' wara l-incident l-attur kellu zieda sostanzjali fl-introitu tieghu li minn LM5472 tela' ghal LM6957.17. Din iz-zieda ma tistax tigi njorata u

kull awment kawzat minhabba l-inflazzjoni, li konservattivament qed tittiehed bir-rata ta' LM2 fil-gimgha ghall-perjodu kollu, trid tigi riflessa fl-ammont adoperat ghal fini tal-multiplier u ghalhekk nofs l-inflazzjoni ghandha tizdied ma dan l-ammont u mhux ma l-introitu fid-data tal-incident. L-introitu ghal fini tal-multiplier huwa ta' LM7841.

“Ghalhekk il-qliegh totali ta' Joseph Grixti fuq multiplier ta' 17-il sena huwa ta' LM7841 x 17 = LM133,297. B'disabilita' ta' 25% it-telf jammonta ghal LM33,324.25. Minn dan wiehed jrid jnaqqas 20% tal-lump sum payment, cioe LM6664.85 u jsegwi li l-*lucrum cessans* dovut jammonta ghal LM26,659.00 li maqudin mal-ammont dovut bhala damnum emergens jwasslu ghal danni totali fl-ammont ta' LM28,484.00.

“Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni sofferti mill-attur, tillikwida d-danni attrici fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u erba' u tmenin lira maltin (LM28,484.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

“Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut u bl-imghax mil-lum stante li l-ammont tad-danni qed jigi likwidat illum.”

**<u>II  L-APPELL</u>**

3. Il-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk appella minnha quddiem din il-Qorti permezz ta’ rikors prezentat fit-30 ta’ Lulju, 2002. Hemmhekk, wara li jindika d-diversi aggravji li ser jissemmew aktar tard f’din is-sentenza, l-appellant talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa’ l-eccezzjonijiet tieghu billi ssibu mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u konsegwentement ghad-danni relattivi, u in oltre tirrespingi t-talbiet ta’ l-attur – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

4. Min-naha tieghu, l-attur appellat Joseph Grixti kkontesta l-appell intavolat mill-konvenut b'risposta li fiha spjega dettaljatament ghaliex l-aggravji mressqa 'l quddiem mill-konvenut ma kenux validi u ghaliex is-sentenza appellata kienet gusta u ghalhekk timmerita konferma in kwantu dak li jirrigwarda r-responsabilita` ta' l-incident. In oltre, fl-istess risposta l-appellat irrimarka wkoll li ghalkemm fil-likwidazzjoni tad-danni, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kenitx akkordatlu danni daqs kemm kien qed jippretendi, kif jirrizulta min-Nota ta' Kritika mressqa minnu in segwitu ghall-perizja addizjonali, huwa madanakollu ma hassx li ghandu jappella dwar l-ammont likwidat sabiex ma jinkorrix spejjez ohra kbar ta' appell u b'hekk ikompli jiddilunga l-proceduri ulterjorment. Ghaldaqstant, ghall-motivi msemmija fir-risposta tieghu, l-attur appellat talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Mill-provi akkwiziti fil-process jirrizulta li fis-27 ta' April 1992, l-attur appellat Joseph Grixti kif ukoll l-appellant Anthony Vella kienu qeghdin it-tnejn li huma ghall-kacca f'ghelieqi adjacenti ma' xulxin f'Tal-Hlantun fil-limiti ta' Hal Safi. Kienu qeghdin ghall-kacca f'distanza relattivament vicina u cioe` bejn mitt (100) pied jew inqas izda mhux aktar 'il boghod minn mitejn (200) pied minn xulxin. Jirrizulta wkoll li ghall-habta ta' 6.45 a.m. l-appellat intlaqghat b'comba f'ghajnejh ix-xellugija u dan mill-ewwel wahhal fil-konvenut bhala l-persuna li kienet laqtitu. Huwa avvicina lill-konvenut u mill-ewwel qallu li kien qieghed iwahhal fih ghal dak li gralu. Il-konvenut appellant wassal lill-appellat l-isptar u wara mar l-ghassa tal-pulizija flimkien ma' hu l-appellat biex jirrapporta l-incident. Jirrizulta li l-appellat sofra ferita ta' natura gravi u permanenti, konsistenti fit-telf tad-dawl mill-ghajn ix-xellugija. Il-konvenut appellant ikkontesta r-responsabbilita` ghal dan l-incident, li dwaru bazikament hemm zewg verzjonijiet dwar kif sehh, u dwar x'intqal wara li l-incident sehh. Hemm konflitt fil-provi.

6. L-appellant jikkontesta d-decizjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti li sabitu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li fih korra l-attur appellat. L-ewwel Qorti tat din id-decizjoni taghha meta kellha quddiemha mhux biss il-provi li ressqu l-kontendenti izda wkoll rapport ta’ perit legali u perit tekniku kif ukoll rapport ta’ periti addizzjonali. Dawn iz-zewg perizji gew debitament mahlufa mill-periti li rrediguhom u gie indikat ukoll li whud minn dawn l-istess periti kienu gew mahtura esplicitament minhabba l-esperjenza taghhom fil-materja tal-kacca. Ghalhekk jirrizulta li l-ewwel Qorti kellha quddiema l-opinjoni ta’ hames persuni mahtura minnha li kienu kollha konkordi fil-konkluzjoni taghhom fis-sens li l-konvenut kien dak li spara t-tir li eventwalment korra lill-attur u li konsegwentement dan kellu jinzamm responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur.

7. Il-konvenut appellant, fir-rikors ta’ l-appell tieghu, qieghed jikkritika bil-qawwa kollha s-sentenza appellata u qieghed jissottometti li din strahet interament fuq il-fatt li l-periti originali kif ukoll dawk addizzjonali kienu konkordanti bejniethom dwar ir-responsabbilita` ta’ l-appellant ghall-akkadut. L-appellant qieghed jallega li l-provi migbura gew interpretati b’mod li jippressupponu l-htija ta’ l-appellant u jiskartaw ghal kollox il-provi kollha illi, skond hu, jippruvaw il-kuntrarju.

8. L-appellant jikkwota s-segwenti bran mis-sentenza appellata, liema bran bazikament jikkontjeni l-accenn tal-Qorti ghal fatturi emergenti mill-provi li wassluha biex issib lill-konvenut responsabbli ghal-incident in kwistjoni. Imbaghad, fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant ressaq il-kummenti u l-kritika tieghu ghal kull fattur fuq imsemmi, f’tentattiv biex jipprova juri li l-unici provi oggettivi li effettivament jiskolpaw lill-appellant mill-htija, kienu gew skartati fejn dawn ma kenux jikkombaccjaw ma’ stampa ta’ responsabbilita` fil-konfront tieghu:

“Ghalkemm f’ambjent fejn qed issir il-kacca ghal gamiem jista’ jkun hemm diversi persuni li setghu kienu responsabbli, irid jigi apprezzat li l-ammissjoni *ab inizio* tal-konvenut; l-assistenza moghtija; il-fatt li dan mar jaghmel rapport lill-pulizija dwar l-incident; in-nuqqas

tieghu li, f'dik l-okkazzjoni, ma jaghmilx zmentita ghal dak li setgha ntqal qabel; il-fatt li l-istess konvenut fil-hin ta' l-incident donnu mill-ewwel induna li kien gara xi haga bhala rizultat ta' l-ahhar tir li huwa spara, dawn il-fatturi kollha huma indikattivi ta' dak li seta' gara. Izda ghandu jinghad ukoll li, ghalkemm fil-hin in kwistjoni seta' kien hemm persuni ohra ghall-kacca fl-inhawi, jirrizulta li dawn kienu jinsabu distanza konsiderevoli minn fejn kien l-attur u l-unika persuna f'distanza akkorcjata, fil-kuntest ta' sparar b'senter, kien biss il-konvenut li, del resto, jammetti li huwa spara l-ahhar tir fuq gamiema meta din kienet sejra fid-direzzjoni ta' l-istess attur."

9. Kif ghadu kemm inghad, l-appellant ha spinta minn dan il-bran tas-sentenza appellata u, fir-rikors ta' l-appell tieghu, spjega l-lanjanzi tieghu taht is-segwenti taqsimiet:
A.1 L-allegata "ammissjoni ab inizio tal-konvenut".

A.2 "L-assistenza Moghtija"

A.3 Ir-Rapport tal-Pulizija

A.4 "In-nuqqas ta'smentita"

A.5 "Ir-realizzazzjoni tal-konvenut illi gara xi haga"

A.6 Persuni ohra fl-Akkwati

A.7 L-Ahhar Tir Allegatament Sparat fid-Direzzjoni ta' l-Attur Appellat

A.8 Konsiderazzjonijiet Finali Dwar Attribuzzjoni ta' Responsabbilita`

10. Mill-banda l-ohra, fir-risposta tieghu, l-appellat janalizza u jikkummenta fuq il-kontenut ta' l-imsemmija taqsimiet fir-rikors ta' l-appell biex, min-naha tieghu juri li s-sottomissjonijiet u l-kritika ta' l-appellant mhumiex tali li wiehed jista' joqghod fuqhom.

11. Kif intqal aktar qabel f'din is-sentenza, il-provi fil-process huma konkordanti biss fuq certi fatti waqt li jirrizulta li hemm konflitt serju fil-provi dwar certi fatturi importanti hafna ghall-kaz. Ghalhekk fil-kaz odjern kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti huma rinfaccjati b'zewg verzjonijiet kontradittorji. Ta' min jirribadixxi hawn li bhala regola din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-provi a meno che ma thossx li tkun saret xi ingustizzja manifesta. Principju iehor li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh meta jkun qieghed jizen il-provi huwa li min jallega ghandu l-kompitu` u d-dover li jipprova dak li jallega in kwantu l-prova "*incumbit ei qui dicit non ei qui negat*". Ta' min jiccita hawnhekk il-kumment sagaci ta' l-Onorevoli Imhallef Maurice Caruana Curran maghmul fil-kawza fl-ismijiet fil-kawza "Carmelo Farrugia v. Rocco Farrugia" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 1966":

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"*in dubio pro reo*". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' suggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-qrati jridu jkunu lesti ghaliha. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti ma ghandhiex taqa' comb fuq l-i*scappatoia* tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa' jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u l-verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant…. Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn il-verzjoni u l-ohra aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed tal-kontendenti."

12. Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament il-provi kollha migbura fil-process, kif ukoll qieset bir-reqqa kollha l-ilmenti ta' l-appellant, ma jidhrilhiex li ssib raguni valida biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-

ewwel Onorabbli Qorti, u li hija konformi ghall-opinjoni espressa mill-periti kollha li gew inkarigati f'din il-kawza.

13. Billi r-rizorsi ta' zmien ta' din il-Qorti mhumiex infiniti izda huma pjuttost limitati, din il-Qorti ma thossx in-necessita` li tindika f'din is-sentenza kull kritika li ghamel l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu dwar l-apprezzament li l-ewwel Qorti ghamlet tal-provi, biex imbaghad tindika ghaliex, fil-fehma ta' din il-Qorti dik il-kritika ma hijiex wahda konvincenti jew gusta. L-appellant baqa' jsostni li huwa qatt ma seta' jinstab legalment responsabbli ghall-akkadut u asserixxa li effettivament huwa gie ritenut hati ta' l-akkadut semplicement ghaliex inzerta fil-post hazin fil-hin hazin. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-asserzjoni ghaliex nonostante li fil-process hemm provi konfliggenti pero` <u>din il-Qorti jidhrilha illi l-verzjoni li ta l-appellat kif ukoll missieru u huh hija verzjoni ferm aktar verosimili u accettabbli minn dik li ta l-appellant u x-xhud Carmelo Scicluna</u>. A propozitu ta' dan ix-xhud, l-appellant jipprova jimpressjona lil din il-Qorti li dan huwa xhud estraneju u oggettiv u li allura ghandu jinghata piz aktar minn xhieda li ghandhom interess personali u ghalhekk wiehed kellu jistrieh ferm aktar fuq dan li qal l-istess xhud. Evidentement l-appellant huwa skorrett ghaliex Carmelo Scicluna ma huwiex xi xhud indipendenti kif jipprova jpingieh l-appellant. Infatti Scicluna huwa mizzewweg lil-oht mart l-appellant u ghalhekk jista' jkollu kull interess li jiskolpah. Inoltre jrid jinghad li dan Scicluna ma rax l-incident isehh ghax ghalkemm kien fuq il-post pero` minn fejn kien la seta' jara lill-attur u lanqas lill-konvenut. L-appellant jikkritika s-sentenza appellata wkoll ghaliex din ma rreferietx ghax-xiehda ta' l-ufficjali tal-pulizija li investigaw il-kaz fl-ewwel lok. L-appellant jishaq fuq il-fatt li mill-okkorrenza taghhom kif ukoll mill-provi, ma jirrizultax li huwa kien ammetta responsabbilita` ghall-incident. Ghalkemm huwa veru li l-okkorrenza esebita ma ssemmix li huwa kien ammetta tali responsabbilta` pero` minnha lanqas jirrizulta li huwa cahad l-istess responsabbilita`. Kif sewwa kkummenta l-appellat x-xiehda ta' dawn l-ufficjali hija pjuttost xiehda newtra fuq dan l-aspett partikolari li qed jissemma'. Fuq dan l-aspett l-appellat ikkummenta hekk:

“Jekk is-Surgent u kuntistabbli li, bil-mod li jafu huma, investigaw il-kaz, ma hadux ammissjoni tal-konvenut “ut sic”, lanqas gew moghtija xi cahda mill-konvenut! Huma jidher li haduha “for granted” li kien il-konvenut li spara t-tir de quo u dan mill-istess agir tal-konvenut li ma pprotesta bl-ebda mod maghhom “a tempo vergine” meta investigawh u hadulu l-arma u ccekkjawha. Kieku ma kellu x’jaqsam xejn, wiehed kien jistenna li hu minnufih jipprotesta l-innocenza tieghu “there and then” u li jibda jitlewwem u jistaqsi ghaliex il-Pulizija qed televalu l-arma u l-munizzjon. Izda minn dan il-konvenut ma ghamel xejn u ssottometta ruhu qisu naghga ghall-ezami u operat tal-Pulizija. F’ebda hin zgur ma cahad maghhom li hu kien responsabbli! Jekk il-Pulizija ma xehdux li ammetta, lanqas xehdu li cahad u ghalhekk huma xhieda newtri, hlief li mill-komportament tal-konvenut maghhom, jidher car li sa dak il-hin l-istess konvenut kien qed ihoss li kien hu l-involut fl-incident u mhux haddiehor. Kieku kien konvint li t-tir kien sparah haddiehor, dan kien jipprotestah dak il-hin stess mal-Pulizija. Dan ma ghamlux! Ghalhekk ukoll sewwa osservaw il-periti addizzjonali fejn qalu:-

‘seta’ kien kategoriku fir-rifjut tieghu li jaccetta responsabbilita.’”

14. Din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tidhol aktar fid-dettall minn dak li qalet l-ewwel Qorti u minn dak li qalu l-periti f’din il-kawza ghal dak li jikkoncerna l-fatt li t-tir li laqat lill-attur u hallieh b’disabbilita` permanenti kien effettivament sparat mill-konvenut appellant.

15. Dwar id-diligenza wzata mill-konvenut meta sehh l-incident, din il-Qorti hija konkordi mar-rapport maghmul mill-periti nominati f’din il-kawza kif ukoll mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti. Hu principju assodat fil-gurisprudenza taghna li meta wiehed ikun qieghed ghall-kacca ma ghandu qatt jinsa li f’idejh ghandu arma letali tan-nar, u ghalhekk huwa minstenni <u>li jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex jassigura li ma jkunx ta’ periklu la ghalih innifsu u aktar u aktar ghal dawk li jkunu qeghdin madwaru</u>. Min jimmanigga arma tan-nar

bhal ma huwa senter ghandu juzaha bl-akbar grad ta' diligenza. Ma ghandu qatt jigi trasportat mill-ecitament li jaqbad il-priza u jinsa' li f'idejh ghandu arma ferm perikoluza li tista' tikkawza feriment jew addirittura l-mewt. Kif sewwa qalu l-periti addizzjonali:
"Huwa mistenni illi l-prudenza, diligenza u attenzjoni ma tonqos qatt, u tigi ezercitata dejjem, partikolarment imbaghad u certament fi grad oghla minn min f'idejh ghandu arma tan-nar, anke jekk ghall-passatemp jew biex jissodisfa x-xewqa ta' l-isport favorit tieghu."

Mill-provi migbura din il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut ma wzax il-prudenza mehtiega minnu ghaliex dawn jindikaw illi l-ecitament li jaqbad gamiema pprevalixxa fuq id-diligenza u l-attenzjoni ta' l-istess appellant meta dan spara fil-baxx tant li laqat lill-attur, meta kien jaf li l-istess attur kien prezenti fl-inhawi u fid-direzzjoni ta' fejn spara.

16. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-appellant jipprova in parti jiskolpa ruhu, u dan in linea sussidjarja u minghajr pregudizzju ghal dak li kien qal qabel, fis-sens illi huwa jipprova jattribwixxi element ta' kontributorjeta` lill-attur stess ghal dak li gara. L-appellant jirravviza dan l-element ghall-fatt li kien irrizulta li fil-hin ta' l-incident, l-attur appellat ma kienx fid-dura tieghu izda kien bejn iz-zewg duri jew wara hajt u ghalhekk seta' facilment ma jesponix lilu nnifsu fil-periklu. L-appellant jghid illi huwa ragjonevoli illi wiehed jistenna kaccatur illi jipprotegi ruhu billi joqghod fil-kenn tad-dura jew wara hajt li effettivament jirriparah mill-isparar ta' terzi.

17. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument ta' l-appellat ghas-semplici raguni li mhuwiex obbligatorju la bil-ligi u lanqas minn xi dettam ta' prudenza li kaccatur jikkonfina ruhu fid-dura tieghu. Invece hija regola tal-kacca li ma tisparax fil-baxx jekk inti ma tkunx tista' taghraf car li fid-direzzjoni fejn tkun sejjer tispara m'hemm xejn u hadd li tista' taghmlilhom xi hsara. Fil-kaz odjern ir-responsabbilita` ta' l-appellant tohrog mill-fatt li jirrizulta li huwa spara fil-baxx minghajr ma osserva l-imsemmija regola bazika u b'hekk laqat lill-attur u ferih permanentement. Dan l-operat ta' l-appellant kien juri

imprudenza kbira fl-immanniggjar ta' arma tan-nar u ghalhekk l-istess appellant huwa obbligat li jerfa' l-konsegwenzi kollha li jidderivaw minn dan l-agir imprudenti tieghu. Konsegwentement l-ewwel Onorabbli Qorti kienet gusta u korretta meta attribwiet ir-responsabbilita` ta' l-incident in kwistjoni lill-konvenut appellant unikament, u ghaldaqstant l-appell relattiv tieghu dwar dan l-aspett mhuwiex fondat u ghalhekk ma jistax jintlaqa'.

18. L-appellant qieghed jappella wkoll mil-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti dwar id-danni reklamati mill-attur fl-att tac-citazzjoni. Mid-diversi ammonti li l-ewwel Qorti llikwidat taht l-aspett ta' *damnum emergens*, jigifieri tad-danni li realment gew sofferti mill-attur, l-appellant qieghed jikkontesta biss is-somma ta' sitt mitt Lira Maltija (LM600) li l-ewwel Qorti llikwidat favur l-attur *arbitrio boni viri* bhala danni reklamati ghat-telf ta' qliegh da parti ta' mart l-istess attur. Il-kritika ta' l-appellat hija f'dan is-sens:
"F'dan ir-rigward, l-appellanti jirrileva illi kienu ddecidew korrettement il-Perit Legali u l-Periti Perizjuri illi ma ngabet l-ebda prova illi tali telf kien dovut ghall-incident. Bl-akbar rispett, ma kienx kompitu ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi tikkolma l-vojt imholli mill-provi ta' l-attur appellat billi tassumi dak illi l-provi ma jwasslux ghalih. L-ewwel Onorabbli Qorti vvizwalizzat illi l-allegata diminuzzjoni ta' LM1,200 minn introjtu annwu totali ta' LM2,302 ta' mart l-attur appellat kien dovut ghall-fatt illi "*martu, specjalment f'dawk il-mumenti koroh, toqghod id-dar biex taghmillu kuragg u tara x'jonqsu u dan apparti l-perijodu li din tkun qattghet l-isptar izzur lil zewgha*".[1]

"Izda dan huwa kontradett mill-istess xiehda moghtija mill-attur appellat, illi stqarr lilu dam bis-*sick leave* sal-bidu ta' Lulju 1992, u cioe` xahrejn skorruti, mentri d-diminuzzjoni allegata tal-qliegh ta' martu tammonta ghal oltre hamsin fil-mija tal-qliegh annwu taghha, presumibilment korrispondenti ghal oltre sitt (6) xhur mis-sena. Dan apparti l-fatt illi kieku verament l-attur appellat ried igib il-prova tan-ness dirett bejn l-incident u dan it-telf, din kienet

[1] Ara fol. 7 tas-sentenza appellata

prova facli billi kienu jingiebu l-provi ta' l-attendenza ta' martu fuq il-post tax-xoghol, u tal-qliegh taghha ghas-snin sussegwenti, illi wiehed kellu allura jassumi, kellu jerga' lura ghal-livell illi kien fl-1991."

19. Min-naha l-ohra l-attur appellat ikkontesta din il-kritika ta' l-appellant billi stqarr hekk:
"Illi dwar l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti biex jaghmel tajjeb ghat-telf ta' qliegh ta' martu waqt li l-attur kien konvalixxenti, jintqal li l-attur, meta induna li kien tilef ghajnu kien waqa' f'depression" akuta u kien ikun mugugh hafna. Wara li ghaddew xi xahrejn, kien rega' ipprova jmur ghax-xoghol, mhux ghax kien tajjeb, imma biex jipprova jtaffi din id-"depression". Kif xehed l-attur, dan seta' jaghmlu biss bil-ko-operazzjoni, kien anke nghata l-permezz li meta jkun mugugh hafna jew depressed jitlaq minn fuq ix-xoghol u jmur id-dar. Naturlament martu kellha sehem importanti fil-kura u "support" li hu kien ikollu bzonn id-dar konstantement u peress li dan kien jesigi li tkun id-dar il-hin kollu meta zewgha jkollu bzonnha, hi ma setghetx tmur aktar ghax-xoghol, ovvjament mhux b'kapricc, izda b'sagrificcju kbir ghall-introju tal-familja. Terga' u tghid kull meta l-attur kien ikollu jerga' lura d-dar mix-xoghol hesrem, ghax ikun mugugh, peress li hu ma setax isuq, kien ikollha tmur ghalih hi bil-car f'hinijiet differenti u x'hin jinqala' u ghalhekk kellha tkun "at his beck and call" u dan ma kienx jippermettilha tahdem. Fil-fatt l-ewwel Qorti llikwidat kumpens ghal zmien ferm iqsar minn dak li mart l-attur kellha tieqaf mix-xoghol izda ma jidhirx li hemm lok ghal riduzzjoni ulterjuri ta' dan il-kumpens."

20. Mill-provi jirrizulta li fis-sena 1992, mart l-attur ghamlet qliegh fis-somma ta' elf u sitta u sebghin Lira Maltija u tlieta u sttin centezmi (LM1,076.63c), filwaqt li fis-sena precedenti cioe` fis-sena 1991 il-qliegh taghha kien ta' elfejn tlett mija u zewg Lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (LM2,302.52c). L-attur jallega li d-differenza bejn dawn iz-zewg ammonti tindika t-telf ta' qliegh li ghamlet martu ghaliex ma setghetx tmur ghax-xoghol

minhabba l-incident in kwistjoni. Kemm l-ewwel perit legali kif ukoll il-periti addizzjonali kienu konkordi li l-attur ma gabx provi li juru xi konnessjoni bejn l-incident u t-telf ta' paga ta' mart l-attur u ghalhekk huma kienu konkordi li ma tressqux provi bizzejjed f'dan ir-rigward u ghalhekk huma ma laqghux it-talba ta' l-attur biex ikun kompensat fis-somma ta' elf u mitejn Lira Maltija (LM1,200) bhala telf ta' paga ta' martu. L-ewwel Onorabbli Qorti llikwidat kumpens fis-somma ta' sitt mitt Lira Maltija (LM600) liema somma giet likwidata *arbitrio boni viri* ghaliex l-ewwel Qorti kkunsidrat li huwa difficli hafna li wiehed jipprova li hemm konnessjoni diretta bejn l-incident u t-tnaqqis fl-introjtu ta' mart l-attur.

21. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti l-lanjanza relattiva ta' l-appellant tidher gustifikata. Il-provi dwar dan l-aspett huma dawk li huma u ma jidhirx li din il-prova relattiva kienet daqstant difficli li taghmilha impossibbli ghall-attur li jipprova dak li kien qieghed jallega. Huwa veru illi l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li taghmel ezercizzju ta' ekwita` fejn jidhrilha li dan huwa gust li jsir. Madanakollu din id-diskrezzjoni ghandha tintuza b'certa cirkospezzjoni u ma ghandhiex tintuza f'kazijiet fejn il-prova necessarja semplicement ma tingiebx, kif gara fil-kaz odjern. Konsegwentement din il-Qorti qeghda tilqa' din il-lanjanza ta' l-appellant u ghalhekk mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti rigward l-aspett tad-*damnum emergens* trid titnaqqas is-somma ta' sitt mitt Lira Maltija (LM600).

22. L-appellant qieghed jikkritika wkoll il-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* jigifieri tal-qliegh futur li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Bazikament l-appellant qieghed jissottometti li l-inflazzjoni ta' zewg Liri Maltin (LM2.00) fil-gimgha adoperata fis-sentenza appellata kienet ferm eccessiva u li din kellha titnaqqas ghal lira (LM1.00) fil-gimgha. Jikkritika wkoll il-*multiplier* ta' sbatax-il sena adoperat mill-ewwel Qorti f'dan il-kaz meta l-attur kellu erbghin (40) sena fiz-zmien ta' l-incident bhala *multiplier* wisq eccessiv. L-appellant jissottometti li *multiplier* ta' hmistax-il sena kif adoperat mill-perit legali originali jkun *multiplier* aktar korrett u gust. L-appellant

accenna ghall-fatt li l-attur appellat kellu qliegh ta’ hamest elef erba’ mija u tnejn u sebghin Lira Maltija (LM5,472) annwu fiz-zmien meta sehh l-incident in kwistjoni, izda dan l-introjtu tela’ ghas-somma sitt elef disa’ mija u sebgha u hamsin Lira Maltija u sbatax-il centezmu (LM6,957.17c) fis-sena ta’ wara. L-appellant jissottometti li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* kellu jsir fuq il-bazi ta’ l-introjtu annwu effettivament percepit mill-attur fis-sena li fih sehh l-incident, u mhux, kif ghamlet l-ewwel Qorti, abbazi taz-zieda sostanzjali fl-introjtu li kellu l-attur fis-sena ta’ wara li, kif intqal, minn hamest elef erba’ mija u tnejn u sebghin Lira Maltija (LM5,472) tela’ ghal sitt elef disa’ mija u sebgha u hamsin Lira Maltija u sbatax-il centezmu (LM6,957.17c). Fi kliem l-appellant:
“Ghalhekk, l-appellanti jissottometti illi jekk wiehed jitlaq minn paga ta’ LM5,472, u jaghti nofs l-inflazzjoni ta’ Lira fil-gimgha, ghal perijodu ta’ hmistax-il sena, fil-konsiderazzjoni tal-*multiplicand* bil-formula ta’ nofs l-inflazzjoni mizjuda mal-*multiplier* kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, wiehed jasal ghal qliegh baziku ta’ LM5,862, b’hekk illi tenut kont il-*multiplier* ta’ hmistax-il sena, dizabilita` ta’ 25% u *lump sum deduction* ta’ ghoxrin fil-mija (20%), wiehed jasal ghas-segwenti:

LM5,862 x 15 = LM87,930 x 25% = LM21,982.50, li minnu jridu jitnaqqsu 20% *lump sum payment* li jgibu total ta’ LM17,856.

Dan ifisser illi anke l-likwidazzjoni ta’ *lucrum cessans* da parti ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti hija ferm eccessiva.”

23. L-attur appellat irribatta ghal din il-kritika ta’ l-appellant hekk:
“il-mod kif gie komputat il-“lucrum cessans” kien wiehed moderat u xejn esagerat u eccessiv u konformi mal-mod kif f’dawn l-ahhar snin jigu likwidati ammonti simili wara l-evoluzzjoni li saret fuq il-“leading case” ta’ “Butler vs. Heard”. Meta rrizultalha li proprju ftit xhur wara l-incident, kien hemm aggustament sinjifikanti fis-salarju ta’ l-attur, l-ewwel Qorti ghamlet sew li hadet dan bhala l-bazi tal-“multiplier”, ghax altrimenti kienet issir ingustizzja kontra l-

attur u l-kalkoli kienu jinhadmu fuq ammonti li kienu manifestament sorpassati. Inoltre, trattandosi ta' impjegat tal-Gvern professjonali, established, li kien fi grad t'impieg li l-iskala tieghu kienet kontemplata bil-maximum taghha u li mistenni li jirtira ta' 61 sena, il-komputazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti kienu altru milli fondati u korretti, sija pure` inqas minn dawk pretizi mill-esponent. Il-multiplier ta' 17-il sena u l-multiplicand ta' LM2 fil-gimgha zieda kull sena li adoperat l-ewwel Qorti kien wiehed gust, u dawn ma ghandhomx jigu ridotti ghal wiehed ta' 15-il sena u ta' LM1 rispettivament kif qed jippretendi l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu. Di fatti ta' l-ewwel hija addirittura inqas mill-firxa ta' snin li hemm bejn meta gara l-incident u meta l-attur ikun mistenni li jirtira bl-eta` ta' 61 sena, u t-tieni trid tiehu in konsiderazzjoni mhux biss iz-ziediet annwali mhabbra fil-Budget li f'dawn l-ahhar snin qatt ma kienu t'inqas minn LM1.50c fil-gimgha imma wkoll ziediet u "*increments*" li l-attur kien intitolat ghalihom bhala impjegat fi skala ta' impieg li tinkorpora "increments" u ghalhekk il-kalkoli ta' l-ewwel Qorti kienu altru milli kawti fic-cirkostanzi."

24. Din il-Qorti fliet akkuratament il-metodu li l-ewwel Qorti wzat biex waslet ghal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* li l-attur qieghed jirreklama f'din il-kawza. Ikkunsidrat ukoll akkuratament il-lanjanzi li qieghed iressaq l-appellant u kkonkludiet li ma sabet l-ebda fattur ta' sustanza li jista' jiggustika li din il-Qorti tiddisturba l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf, sitt mija u disgha u hamsin Lira Maltija (LM26,659).

25. Ghalhekk l-appell tal-konvenut appellant hu gustifikat u sejjer jintlaqa' <u>biss u unikament</u> billi mill-ammont totali ta' danni likwidati lill-attur mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf erba' mija u erbgha u tmenin Lira Maltija (LM28,484) sejra titnaqqas is-somma ta' sitt mitt Lira Maltija (LM600), biex b'hekk tasal ghad-danni totali dovuti lill-attur fl-ammont ta'

sebgha u ghoxrin elf tmien mija erbgha u tmenin Lira Maltija (LM27,884).

26. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ fis-sens premess u in parte biss l-appell ta’ l-appellant u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel zewg talbiet ta’ l-attur kontenuti fl-att tac-citazzjoni, u tirriformaha, fil-konfront tat-tielet talba ta’ l-attur, fejn illikwidat id-danni fl-ammont komplessiv ta’ tmienja u ghoxrin elf erba’ mija u erbgha u tmenin Lira Maltija (LM28,484) u fejn ordnat lill-konvenut ihallas din is-somma, u minflok tillikwida l-istess danni fis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf tmien mija erbgha u tmenin Lira Maltija (LM27,884) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut appellant li jhallas lill-attur appellat l-ammont hekk likwidat – bl-imghax legali mid-data tas-sentenza appellata, cioe` mill-15 ta’ Lulju, 2002.

Fic-cirkostanzi, billi ma tarax li hemm lok ghall-ebda temperament fil-kap ta’ l-ispejjez, tordna li l-ispejjez kollha, inkluzi ta’ din l-istanza, jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------